MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Numru. 625/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**

**Vs**

**Stephen Joseph Theuma**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Stephen Joseph Theuma bin Joseph u Margaret nee' East, mwieled Hertford, Ingilterra, fit-22 ta' Novembru 1966 u residenti 6, Triq Had-Dingli, Rabat, Malta u detentur tal-karta tal-identita' numru 10584(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-31 ta' Dicembru 2010 ghall-habta ta' 23:45hrs fi Triq it-Telgha tas-Saqqajja, Mdina waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GIN665;

1. Meta kien involut f'habta naqas li jieqaf fuq il-post tal-incident u ta l-partikularitajiet tieghu meta kien hekk mehtieg li jaghmel dan minn persuna li kellha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk u/jew naqas li jirraporta dan l-incident lil Pulizija Ezekuttiva jew lil gwardjani lokali.

2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Horace Coleiro skond ma ccertifikat Dr Sarah Azzopardi M.D. reg no 5216.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 17 ta' Awwissu 2011 (esebita a fol. 99 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 225, 226(1)(a), 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 67(1) u (5) l-Avviz Legali 128 ta' 1994 kif sussegwentement amendat (65.11);
(c) Fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-28 ta' Marzu 2012, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fil-31 ta' Dicembru 2010 ghall-habta ta' 23.45hrs fi Triq it-Telgha tas-Saqqajja, Mdina fejn Horace Coleiro gie milqut minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni GIN 665 misjuqa mill-imputat u fejn il-parti civili Horace Coleiro

sofra griehi ta’ natura gravi per durata bhala konsegwenza tal-incident.

Illi Horace Coleiro xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta’ Gunju 2011 fejn huwa spjega li dakinhar tal-incident li kien lejliet l-ewwel tas-sena huwa kien sejjer flimkien ma siehbu Jonathan Vella fil-club Tattingers li jinsab fit-Telgha tas-Saqqajja u meta hu u siehbu kienu qasmu t-triq u kienu telghin fuq il-bankina tan-naha tat-Tattingers nizlet vettura mid-direzzjoni tar-Rabat u l-ewwel laqtet lil siehbu bil-mera go daru u mbaghad laqtet lilu u meta waqa’ mal-art din il-vettura telghat bir-rota ta’ wara fuq saqajh. Coleiro jghid li hass ugiegh kbir u ma setghax iqum minn mal-art u shabu ghenuh u sejhu l-ambulanza. Huwa spjega inoltre li l-vettura li laqtitu baqghet sejra u li huwa ma kienx ra lil din il-vettura qabel ma laqtitu izda wara siehbu Jonathan Vella qallu li l-vettura kienet ta’ kulur orangjo. Ix-xhud qal li ttiehed l-isptar fejn dam rikoverat tlett ijiem u fejn instab li kellu l-ligaments maqtughin u ksur f’saqajh. Huwa qal li dam tlett xhur bil-gibs u ghadu migugh u jmur ghall-visti ghand il-konsulent ortopediku li ccertifika li kellu dizabilita’ permanenti ta’ 10 fil-mijia skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku esebit a fol. 10 tal-atti processwali  Coleiro spjega wkoll li n-number plate tal-vettura kien hadu bniedem li kien qed jistenna fil-kju ta’ nies li kienu qed jistennew fuq il-bankina sabiex jidhlu Tattingers u dan kien ghaddih lil Jonathan Vella li mbaghad kien tah lil Pulizjia meta sar ir-rapport.

Jonathan Vella li xehed waqt l-udjenza tal-14 ta’ Lulju 2011 jghid li hu u l-habib tieghu Horace Coleiro kienu qasmu t-triq u meta hu kien ser jirfes il-bankina ta’ quddiem it-Tattingers u siehbu kien warajh hu intlaqat minn mera ta’ vettura u meta dawwar rasu sabiex ihares lejn Coleiro ra li dan kien intlaqat u waqa’ mal-art u ra l-vettura ghadejja bir-rota ta’ wara minn fuq saqajh.  Huwa spjega wkoll li waqt li kien qed jghin lil siehbu u cemplu l-ambulanza hareg persuna mill-kju ta’ nies li kienu qed jistennew sabiex jidhlu Tattingers, certu Josef Zammit, u dan tah in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li kienet laqtet lilu u lil Coleiro u dan in-numru kien GIN 665.  Dan ix-xhud in kontro-ezami indika li l-kju ta’ nies jistennew

sabiex jidhlu Tattingers kien niezel l-isfel fin-nizla tas-Saqqajja. Josef Zammit li wkoll xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta Lulju 2011 spjega li fil-jum tal-incident in dizamina huwa kien qed jistenna fil-kju sabiex jidhol Tattingers meta ra persuna titajjar minn vettura tal-marka Ford Focus u ta kulur orangjo u huwa mar jghin lill-persuna mtajra u ta n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li kienet tajritu lil siehbu Jonathan Vella. Huwa qal li l-vettura li tajret lil Coleiro baqghet sejra u ma waqfitx wara li laqtet lil Coleiro.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Mejju 2012 fejn spjega li dakinhar tal-incident huwa kien niezel bil-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni GIN 665 gej mid-direzzjoni tar-Rabat u niezel fid-direzzjoni ta' H'Attard. Huwa jghid li waqt li kien niezel it-Telgha tas-Saqqajja man-naha tax-xellug tieghu ra hafna gegwigija ta' nies qed jistennew sabiex jidhlu fin-night club Tattingers. L-imputat isostni li huwa kien ghaddej bi speed baxx u jghid li waqt li kien niezel sema' hoss ta' daqqa u wara li mexa' ftit iehor induna li l-mera tal-vettura tieghu kienet inqalghet u huwa rega' hareg il-mera l-barra minn gewwa l-vettura, hares lura u ra hafna nies izda ma ra lil hadd jghajjatlu u ghalhekk huwa baqa' sejjer lejn il-Belt. Huwa jghid li ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu cemplulu mill-Ghassa sabiex imur ikellem lil Pulizija u meta huwa mar hemm il-Pulizija setghu jaraw li huwa ma kellu ebda hsara fuq il-vettura tieghu. In kontro ezami huwa qal li ma waqafx sabiex jara jekk tajjarx lil xi hadd ghaliex haseb li peress li l-mera kienet bil-molla kien laqat lil xi hadd biha izda ma kien wegga' hadd.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta pjuttost evidenti li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament minhabba sewqan traskurat da parti tal-imputat. L-imputat stess jghid li meta huwa kien niezel in-nizla tas-Saqqajja ra gegwigija ta' nies man-naha tax-xellug tieghu fuq u taht il-bankina qed jistennew sabiex jidhlu f'Tattingers u huwa imbaghad sema' hoss ta daqqa

imma baqa’ miexi. Il-Qorti jidrilha li una volta li huwa u niezel in-nizla l-imputat kien lemah din il-gegwigija ta’ nies huwa kellu l-obbligu li jezercita kawtela akbar fis-sewqan tieghu sabiex jevita li jolqot lil xi hadd minn dawn in-nies. Kemm Horace Coleiro kif ukoll iz-zewg xhieda l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni, u cioe’ Jonathan Vella u Josef Zammit jghidu li Horace Coleiro kien ser jirfes il-bankina meta ttajjar, dan jindika li l-imputat kien qed isuq mal-bankina. Il-Qorti ma setghat tirriskontra ebda kontributorjeta’ ghall-akkadut da parti tal-pedestrian u jidrilha li kieku l-imputat ezercita proper lookout u ezercita l-kawtela mehtiega minn sewwieq prudenti huwa kien jersaq aktar lejn nofs it-triq u jevita milli jolqot lil pedestrian kif fil-fatt spicca ghamel. Il-Qorti jidrilha wkoll li mix-xhieda ta’ Josef Zammit jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat baqa’ sejjer nonostante li nduna li kien laqat xi haga. Mix-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizulta wkoll li Horace Coleiro sofra griehi li hallew debilita’ permanenti u ghalhekk kellhom il-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, haga li del resto ma gietx kontestata mill-istess Difiza. Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u huwa ser jinstab hati taghhom.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt lli huwa mal-ewwel ammetta mal-Pulizija li kien il-persuna nvoluta fl-incident u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena pekunjarja u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan u dan anki ghaliex ghalkemm is-sewqan tal-imputat qed jitqies bhala negligenti u traskurat m’huwiex qed jigi meqjus bhala perikoluz u bla kont.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat in-Nota ta’ Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 17 ta’ Awwissu 2011 u senjatament l-Artikoli 225, 226(1)(a), 218(1)(a), 17 u 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 67(1) u (5) l-Avviz Legali 128 ta’ 1994 kif sussegwentement emendat (65.11) il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500) u

tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------